FONTANA

Kontinwazzjoni tal-minuti tat-tmintax il-laqgha tal-Kunsill Lokali Fontana, li saret nhar it-Tlieta, 19 ta' Mejju 2009, fil-5.30 ta' filghaxija fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill.

| **Prezenti:** | **Membri** |
|---|---|
| Sindku | Is-Sur Saviour Borg |
| Vici-Sindku | Is-Sur Anthony Borg |
| | Is-Sur Lorry Apap |
| | Is-Sur Victor Cefai |
| | Is-Sur Horace Micallef |
| Agent Segretarju Ezekuttiv: | Is-Sinjorina Josephine Borg |

Il-laqgha kienet ippreseduta mis-Sindku Saviour Borg.
L-Agent Segretarju Ezekuttiv qalet it-talba.

**Korrispondenza**

Inqraw Cirkularijiet Nru. MPO 48/2009; MPO 49/2009; MPO 50/2009;
Dipartiment Gvern Lokali Memo: 27/2009 – Hinijiet tal-Laqghat tal-Kunsilli Lokali; Memo 28/2009 – Skemi Dwar Enterprise Support Award u Green Challenge Award; Memo 29/2009 – P.Q. 8101; Memo 30/2009 Elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali (June 2009); Memo 31/2009 – Rapport dwar l-Efficjenza tal-Kunsilli Lokali; Memo 32/2009 – Uzu tar-Rizorsi tal-Kunsilli Lokali.
Avviz dwar laqgha tal-Kumitat Kongunt fid-29 ta' Mejju 2009 ta' l-Infurzar Lokali.
Ittra mis-Sur James Catania fejn ta "twiddiba bil-miktub" lis-Sur Emanuel Debono , meta fis-7 ta' April 2009, instab assenti minn fuq il-post tax-xoghol.
Rendikont mibghut mis-Sur James Catania, tas-salarju dovut lis-Sur Emanuel Terribile tax-xoghol li wettaq bejn l-14 ta' Jannar u t-13 ta' Marzu 2009.Is-Sindku nforma lil Kunsill li wara li gie vvrifikat l-kont tas-Sur Terribile mid-Dipartiment dan ser jkun izjed minn dak ipprezentat mis-Sur Terribile. Il-Kunsill qabel li peress li l-minuti tal-laqghat tas-27 ta' Frar u tat-3 ta' Marzu 2009 ghadhom ma sarux, minbarra d-draft tat-tielet laqgha li saret fit-3 ta' Marzu li saret fis-1.00 ta' wara nofs in-nhar, dan ghandu jinzamm pendenti u tintalab gwida mid-Direttur Gvern Lokali.
Lista tas-Signatories ta' l-Alborg Charter.
Korrispondenza mit-TCTC dwar korsijiet akkademici fis-sajf ghat-tfal. Il-Kunsill ma qabilx, minhabba li ma jkunx hemm bizzejjed tfal, ghal hlas li jrid jaghmel. L-ahhar kors li gie organizzat wiehed bis kien hemm.
Avviz mill-kumpanija Melita Power Services dwar prodotti ta' waste management.
Avviz ghall-laqgha minn Crime Malta;
Avviz mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar seminar All.4.EU; u LivComs - Award Internazzjonali ghat-tmexxija sostenibbli tal-ibliet.

Avviz mill-MEUSAC dwar konferenza Nazzjonali – 5 snin fl-Unjoni Ewropea – fl-20 ta' Mejju 2009.
Informazzjoni mill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni B'Dizabilita dwar harga gdida tal-ktieb Servizzi u Beneficcji ghall Persuni b'Dizabilita'.
Intalbet informazzjoni ghall-Gozo Cultural Calendar ghal July–September 2009. Korrispondenza mill-MEPA dwar applikazzjonijiet godda ghal permess ta' zvilupp f'98 Triq il-Ghajn (01476/09), Fuq il-permess Nru. PA 00121/09, il-MEPA tablet biex il-Kunsill jibghat proposti u site-plans riveduti fi zmien 30 gurnata, li hu dwar bini ta' zewg garaxxijiet fi Triq ta' Mulejja mill-Kunsill. Il-MEPA tat approvazzjoni ghal permess PA 03668/08; u decizjonijiet tad-DCC fuq permessi Nru. 07761/07 u 00760/08.

**Mistoqsijiet**

Il-Kunsillier Horace Micallef, staqsa min ha jaghmel tajjeb ghal hlas u affarijiet ohra li gew approvati fil-laqghat ta' Frar u ta' Marzu , peress li l-minuti ma gewx ipprezentati u jekk il-laqgha kienetx ser tigi nulla.
Is-Sindku nfurmnah li l-laqgha ta' Marzu li saret b'urgenza saret wara li giet msejha tliet darbiet.

**Il-Budget ghas-sena 2009-2010**

L-Agent Segretarju Ezekuttiv ipprezentat draft tal-Budget flimkien mas-Sindku, lil Kunsilliera. Dan gie approvat b'xi tibdiliet zghar.

L-Agent Segretarju Ezekuttiv ipprezentat d-dokument tal-Cash Flow li ser jigi mehmuz mal-applikazzjoni ghall-fondi ta' l-Ewropa. Ghal dan id-dokument peress li ried jsir fi zmien limitat l-kunsilliera kienu qablu li jsir hlas ta 200 Euro lil Johanna Caruana. Dan id-dokument wera li l-Kunsill qieghed b'deficit, u l-agent Seg. Ezekuttiv qalet lil Kunsill biex ikun hemm aktar attenzjoni dwar l-infieq. Is-Sindku qal li ghall ewwel darba il-Kunsill spicca b'deficit u jrid jsir minn kollox biex dan jigi eliminat possibilment matul din is-sena.

**Approvazzjoni ta` kontijiet**

Il-kontijiet ta` hawn taht gew approvati:

| | | |
|---|---|---|
| Joscar Camilleri - Pub Conv. April 09 | € | 158.34 |
| Island Tech.- Stationery | € | 22.00 |
| Data Protection - Notification Fee | € | 46.59 |
| Anthony Mercieca - Open skip Jan 09 | € | 69.90 |
| Anthony Mercieca - Open skip Feb 09 | € | 46.60 |
| Anthony Mercieca - Open Skip Mar 09 | € | 46.60 |
| p.Arc (Architect) MEPA Appl. | € | 154.58 |
| Savio Debrincat - Sep.waste July -Oct 08 | € | 1,276.48 |
| Savio Debrincat - Sep. Waste Nov & Dec 08 | € | 724.14 |
| Savio Debrincat - Sep. Waste Apr. -July 08 | € | 1,300.00 |

| | | |
|---|---|---|
| Savio Debrincat - Coll. Waste March 09 | € | 1,051.03 |
| Galea Curmi Eng. Consultants | € | 73.83 |
| Sound & Vision P.A.Sys. & Telephone | € | 55.50 |
| Charles Attard – Candles | € | 38.94 |
| Road Construction - Ramal & Transport | € | 128.46 |
| Emle Caruana - Coach Service 22/10&4/12/08 | € | 90.00 |
| Raymond Grech - Laser toner | € | 139.66 |
| Storage Systems - Self panels | € | 165.00 |
| George Schembri - lamps & ignitor | € | 107.00 |
| MRRA - 34U Campaign | € | 14.00 |
| Projects & Dev. Dept. | € | 51.36 |
| GO Telephone & Fax | € | 175.73 |
| Waste Serv Malta Ltd | € | 861.06 |
| Water Services Corp - Office Jan- Sept 2008 | € | 283.74 |
| Water services Corp. - Hall Mar - Sept. 08 | € | 536.89 |
| Water Services Corp - Post Clock Mar-Oct 08 | € | 41.95 |
| John Cordina – insurance | € | 267.95 |
| ETC - engagement form | € | 23.00 |
| MEPA permit PA 2167/09 | € | 21.58 |
| Gozo College Principal - Bks Yr. 6 | € | 10.50 |
| Publikazzjoni Indipendenza Bks Vol.1 | € | 30.00 |
| Local Council Association Health Scheme | € | 342.00 |
| Midsea Books | € | 36.00 |
| Rapa Showrooms | € | 72.38 |
| Rapa Showrooms | € | 45.87 |
| Rapa Showrooms | € | 27.86 |
| Gozo Action Group - Membership fee | € | 100.00 |
| Mayor's Allowance - May 2009 | € | 374.98 |
| C.I.R. FSS and N.I. - April 09 | € | 613.64 |
| Salary for May A/Exec. Sec | € | 1,449.23 |
| **Total** | **€** | **11,074.37** |

**Materji ohra**

Peress li l-attivitajiet organizzati fl-okkazjoni ta' Jum il-Fontana u l-15 il-sena mit-twaqqif tal-Kunsill Lokali ma dehrux fil-minuti tal-laqghat precedenti qed jsiru issa.

Fl-okkazjoni ta' Jum il-Fontana saret ghall-ewwel darba wirja ta' artigjanat mahdum fil-Fontana. Din giet mtellgha fis-Sala tal-Komunita'. Giet inawgurata nhar id-29 ta' Novembru 2008 mis-Sindku fil-prezenza tal-Vici Sindku, Segretarju Ezekuttiv u l-Kunsillier Victor Cefai u Horace Micallef. Din giet mbierka mill-Amministratur Parrokkjali Fr. Alex Refalo.

Wara saret harga ghat-tfal f"The Duke" fejn hadu sehem f'diversi attivitajiet organizzati ghalihom. Il-wirja damet miftuha sa l-1 ta' Dicembru 2008, Jum il-Fontana.
Gie wkoll organizzat b'success Jum il-Fontana u l-15 il-anniversarju tat-twaqqif tal-Kunsill Lokali. Dan sar ghall-ewwel darba fis-sala tal-komunita'. Saret serata ta' l-okkazjoni fejn hadu sehem diversi kantanti mill-Fontana u l-orkestra tas-surmast Joseph Grech. Inghata l-Premju "Gieh il-Fontana" lill ahwa Georgia u Carmen Galea bhala apprezzament tal-hidma li jwettqu mat-tfal tal-Fontana, li ilha ghaddejja ghal ghexieren ta' snin. Inghatat tifkira wkoll lil Mons. Salv Tabone fl-okkazjoni tal-hatra tieghu ta' Monsinjur. Sar ukoll diskors ta' l-okkazjoni mis-Sindku u mis-Segretarju Parlamentari Dr. Chris Said.

Fl-okkazjoni tal-hmistax il-sena mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali, is-Sindku attenda ghac-cerimonja ta' thawwil ta' sigar mis-Sindki Ghawdxin fi Triq l-Imgarr, Ghajnsielem fejn kull Sindku hawwel sigra, kif ukoll il-Ministru ghall-Ghawdex u s-Segretarju Parlamentari Dr. Chris Said.
Saret ukoll harga socjo-kulturali ta' nofs ta' nhar f'Ghawdex ghar-residenti tal-Fontana. Saret quddiesa fil-Kappella tad-Dwejra, wara zorna il-muzew tal-folklore fl-Gharb, kif ukoll Marsalforn fejn dawk prezenti gew offruti kafe u "snack" mill-Kunsill. Attendew 50 persuna fosthom –Sindku, is-Segretarju Ezekuttiv, u l-Kunsilliera Victor Cefai u Horace Micallef.
Fl-okkazjoni ta' Jum il-Fontana u l-15 il-sena mit-twaqqif tal-Kunsill sar l-ghoti tad-demm fl-Isptar Generali ta' Ghawdex minn numru zghir ta' residenti tal-Fontana.
Fis-6 ta' Dicembru 2008, is-Sindku attenda ghall-laqgha tas-Sindki u l-Vici Sindki organizzata mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fin-New Dolmen Hotel San Pawl il-Bahar. Din saret fl-okkazjoni tal-15 il-sena mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali. Is-Sindku u l-Vici Sindku attendew ghall-ftuh ta' wirja ta' l-artisti Ghawdxin li kienu jirraprezentaw lil kull kunsill lokali f'Ghawdex. Il-Kunsill taghna kien raprezentat b'zewg pitturi tas-Sur Anton Mizzi. Din saret fil-Banca Giuratale u giet inawgurata mill-Onor. Prim Ministru Dr. Lawrence Gonzi. Wara is-Sindki u l-Vici Sindki attendew ghall-laqgha fil-Grand Hotel f'Ghajnsielem li saret ghall-Kunsilli Ghawdxin dwar il-kuncett Eco-Ghawdex. Din giet indirizzata mill-Onor. Chris Said u l-Onor. Giovanna Debono u l-Onor. Prim Ministru Dr. Lawrence Gonzi.
Is-Sindku, l-Vici Sindku, l-Kunsillier Victor Cefai flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv attendew ghac-cerimonja li saret fil-Belt Valletta fl-okkazjoni tal-hmistax il-sena mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali, fejn ha sehem kull Kunsill Lokali. Huma mxew wara l-istandard tal-Kunsill li kien merfugh mill-haddiem tal-kunsill, Joe Mercieca. Din il-mixja bdiet minn hdejn il-monument tal-gwerra fil-Furjana sal-Kon-Katidral ta' San Gwann. Hemm saret quddiesa minn Mons. Pawlu Cremona, Arcisqof ta' Malta. Wara sar riceviment fil-Berga ta' Kastilja moghti mill-Prim Ministru, fejn wkoll inghataw midalji tal-fidda li saret ghal din l-okkazjoni lil membri tal-Kunsill. Il-Kunsilliera Lorry Apap u Horace Micallef inghataw din il-medalja, xi granet wara mis-Sindku
Bhala gheluq ta' l-attivitajiet ta' Jum il-Fontana u l-15 il-sena mit-twaqqif tal-Kunsill saret harga socjo-kulturali f'Malta. Bdejna b'quddiesa fil-Kappella tal-Madonna taz-Zellieqa fil-Gharghur. Wara zorna l-presepju fit-Teatru l-imwaqqa' fil-Belt Valletta. Il-harga kompliet bi zjara f'Kastilja fejn gejna milqugha mis-Segretarju Parlamentari Dr. Chris Said. Wara dorna s-swali u l-Ufficcini tal-Prim Ministru. Sar messagg ta' l-okkazjoni mis-Sindku u s-Segretarju Parlamentari. Wara giet ipprezentata momento lil Dr. Chris Said u ohra lill Prim

Ministru li kellha titwassal minn Dr. Chris Said peress li l-Prim Ministru ma setghax jattendi. Wara morna nieklu xi haga fid-Dragonara Casino. Il-harga ntemmet fil-Muzew tal-Katidral ta' l-Imdina. Attendew 57 persuna fosthom is-Sindku, s-Segretarju Ezekuttiv u l-Kunsilliera Victor Cefai u Horace Micallef. Waqt il-laqgha f'Kastilja attenda l-Vici Sindku Anthony Borg.
Is-Sindku nforma lil Kunsill li s-Sur Joe Mercieca jrid jinghata 35 siegha time-off tal-hin li hadem wara l-hin normali tax-xoghol, biex nfethet il-wirja ta' l-artigjanat ghall pubbliku, kif ukoll biex gar l-istandard fic-cerimonja li saret f'Malta. Il-Kunsill qabel. Dan inghata nhar ta' xoghol siegha b'siegha u nofs; u l-hdud siegha b'saghtejn.

Is-Sindku nforma lil Kunsill li fl-okkazjoni tal-Milied tqassam 30 ikla lil dawk l-anzjani li jghixu wahedihom. Waslu wkoll il-mitt (100) siggu ordnati mill-Kunsill ghas-Sala tal-Komunita'.

Dwar l-assigurazzjoni tal-Kunsill fuq affarijiet mobbli u immobbli, nkluzi t-toroq u l-bankini kif ukoll il-membri tal-Kunsill, il-Kunsill qabel fuq dik ta' Galea Insurance Brokers Ltd., li kienet l-orhos wahda. Ghalhekk ghandha ssir laqgha ma' l-Ufficcjali ta' Galea Insurance Brokers Ltd., ghall ftehim ahhari. Personal Accident Policy 244.62 Euro; Small and Medium Enterprise Policy 1527.80 Euro. Intalbet quotation ohra lil Maria Portelli – First United - izda li sal-hin tal-laqgha ma waslitx. Il-prezzijiet tal-Compass Group huma 1790.60 Euro; 242.65 Euro.
Is-Sindku nforma lil Kunsill li "street furniture" inxurjata minn 20,000 Euro, kif kienet fil-quotation li inghatat xi gimghat ilu, saret 90,000 Euro peress li daqshekk ghandhu l-Kunsill.

Il-Kunsill qabel biex tiggedded l-assigurazzjoni tas-sahha fuq il-membri tal-Kunsill u s-Segretarju Ezekuttiv mahruga mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Fuq l-assigurazzjoni dwar il-flus fil-Kunsill, il-Kunsill iddecieda li jinkorpora dan l-element ma' l-assigurazzjoni totali tal-Kunsill.

Gewipprezentati d-dokumenti ta' l-offerta ghal xoghol f'tarf Triq Ghajn Tuta (Trejqet Wara l-Idjar). L-offerti kienu: Tarcisio Xerri 16,947 Euro; Nicky Saliba 20,532.50 Euro; Bugeja Brothers 38,285.63 Euro; Ghal. Laqgha attenda s-Sur Tarcisio Xerri li l-offerta tieghu kienet l-orhos wahda. Huwa gie mistoqsi mis-Sindku jekk jinghata l-offerta jaccettax li l-prezz jibqa l-istess minkejja li dan ix-xoghol jitwettaq fiz-zmien li hemm stipulat fl-applikazzjoni ghall fondi ta' l-Unjoni Ewropea skond il-Mizura 313. Is-Sur Xerri qabel li jaghmel dikjarazzjoni bil-miktub lil Kunsill dwar dan li jaccetta. Il-Kunsill qabel li jghaddi d-dokumenti ta' l-offerta lil Perit John Saliba biex jaghmel rapport fuqhom it-tlieta lil Kunsill.

Dwar il-quotation biex tinxtara mera fi Triq il-Kappillan Guzepp Hili faccata tad-dahla ghal Fontanella Gardens, il-Kunsill qabel li jaccetta dik ta' Mario Mallia, li hija l-orhos wahda. Mario Mallia 78.39Euro; Koptasin 92 Euro.
Tressqet talba mill-familja Cordina biex issir kaxxa tal-parking ghad-Disabled fi Triq il-Kappillan Hili. Il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni.
Is-Sindku baghat l-informazzjoni mitluba lis-Sur Charles Beal.

Il-Vici Sindku Anthony Borg issugerixxa biex jinghataw basktijiet tac-carruta lir-residenti tal-Fontana, bil-logo tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel. Ghandhom jingiebu kwotazzjonijiet.

Is-Sindku nforma lil Kunsill li jrid jigi iffissat hlas ghal kera tas-sala , peress li dalwaqt jkun hemm l-attivita ta' Joseph Mizzi. Il-Kunsill qabel li l-hlas ikun ta' 50 Euro kull darba, u t-tindif isir mill-kerrej li juzaha.

Dwar il-wirja ta' l-istatwi u affarijiet ohra konnessi mal-festa tal-Qalb ta' Gesu' u mal-Fontana, il-Kunsill qabel li ssir bejn is-17 u l-21 ta' Gunju 2009. Ghandu jintbghat avviz lir-residenti biex jigu mhegga jiehdu sehem. Il-harga f'Ghawdex ghar-residenti tal-Fontana ser issir nhar il-Hamis 28 ta' Mejju 2009.

Dwar Memo 05/2009 dwar attivitajiet sportivi, l-Kunsill qabel li ma japplikawx ghax jridu jinhargu 3000 Euro mill-Kunsill.

Il-Kunsillier Horace Micallef talab biex isiru tlett (3) toqbiet ghall-antarjoli tal-festa fi Triq il-Ghajn 'l isfel mill-Knisja. Is-Sindku talbu biex jigu immarkati.

Saret l-applikazzjoni lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali ghal Progett ta' l-Energija Alternattiva. Din giet milqugha parzjalment u l-Kunsill gie mwieghed li jinghata 4800 Euro mill-14,000 Euro li ser jiswa l-progett ta' sistema "photovoltaic" ghall-ewwel fazi tac-Centru Civiku.

Il-Kunsillier Horace Micallef talab biex Triq l-Isptar San Giljan fejn sar ix-xoghol tistax titlesta sal-festa tal-Qalb ta' Gesu', u ssir t-tiswija tal-paviment. Il-Vici Sindku, Tony Borg, ser jiehu hsieb biex ikellem lil kuntrattur halli titranga kemm it-triq kif ukoll il-bankina. Il-Vici Sindku Tony Borg, qal li l-progett tad-drenagg fi Triq l-Sptar San Giljan ser jitkompla meta l-istess triq tkun maghluqa minhabba l-progett tal-Gvern Centrali ta' Triq ix-Xlendi.

Is-Sindku attenda ghall laqgha tal-MEUSAC li saret ghal Kunsilli Lokali fil-Grand Hotel. Attenda wkoll is-Segretarju Parlamentari Dr. Chris Said.

Is-Sindku nforma lil Kunsill li attenda ghal laqgha li saret ghas- Sindki , Segretarji Ezekuttivi Ghawdxin li saret fil-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria mas-Segretarju Parlamentari Dr. Chris Said fejn gew mqassma l-ittri fejn is-Segretarju Parlamentari ntrabat li jghin lill Kunsilli biex jorganizzaw attivitajiet kulturali fi tmiem il-gimgha. Il-Kunsill taghna gie mwieghed li jinghata 4500 Euro ghas-Sagra ta' Sant Andrea.

Is-Sindku attenda ghal laqgha tas-Sindki u l-Vici Sindki organizzata mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li saret fil-Lukanda Calypso Marsalforn. Saret uykoll laqgha ghas-Sindki Ghawdxin maas-Superintendent tal-Pulizija il-Gdid is-Sur Mario Sammut f'N.G.O. Centre fix-Xewkija. Is-Sindku kien prezenti. Saret ukoll zjara ma l-Spettur Mifsud u Tabone fil-'multi-purpose room' fejn hu propost li tinfetah l-Ghassa tal-Pulizija.

Is-Sindku attenda ukoll diversi laqghat tal-kumitat festi esterni kif ukoll laqghat li saru ghas-Sindki u s-Segretarji Ezekuttivi mas-Segretarju Parlamentari Dr. Chris Said dwar assenjar ta' haddiema mal-Kunsilli Lokali mill-I.P.S.L. u l-Community Work Scheme, fil-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria.

Saret il-harga ghar-residenti tal-Fontana f'Malta fl-okkazjoni tal-Gimgha Mqaddsa. Saret quddiesa fil-Knisja Parrokkjali tan-Naxxar, wara zorna diversi wirjiet fir-Razzett tal-Markiz Mallia Tabone l-Mosta, id-Depot tal-Pulizija u l-Isptar St. Vincent de Paule.
Kien hemm ukoll hin liberu l-Belt Valletta. Iz-zjara kompliet fl-inhawi ta' Wied iz-Zurrieq, Ghar Lapsi u l-Irdumijiet ta' Had-Dingli. Attendew 40 persuna u s-Sindku. Il-harga ghat-tfal li kellha ssir f'April ma saritx peress li dak in-nhar kienet mhabbra r-riforma tal-Kunsilli Lokali fil-Berga ta' Kastilja.

Is-Sindku u l-Agent Segretarju Ezekuttiv attendew ghall laqgha li saret f'Kastilja dwar ir-riforma tal-Kunsilli Lokali. Din giet indirizzata mill-Onor. Prim Ministru Dr. Lawrence Gonzi u s-Segretarju Parlamentari Dr. Chris Said.

Saret wkoll laqgha ma' l-Ufficcjali tal-MEUSAC dwar fondi mir-Rural Development Fund li jista' jappplika ghalihom il-Kunsill. Din saret mas-Sindku u l-Agent Segretarju Ezekuttiv.
Is-Sindku attenda wkoll ghall quddiesa ta' Radd il-Hajr f'gheluq il-50 sena mill Ordinazzjoni Sacerdotali ta' Mons. Lawrenz Xerri ex-Kappillan tal-Fontana. Din saret fil-parrocca tal-Qala. Ghal din l-okkazjoni sar messagg mis-Sindku fil-ktejjeb mahrug ghal okkazjoni.

Saret laqgha ohra dwar il-fondi mir-Rural Development Fund mal-Perit John Saliba, ghal passagg bil-gebla tal-qawwi f'Tarf Triq Ghajn Tuta u t-tieni fazi fi Triq Wied Siekel. Din saret fl-Ufficcju tal-Kunsill u hadu sehem fiha is-Sindku u l-Agent Segretarju Ezekuttiv. Is-Sindku attenda wkoll laqgha li saret mas-Segretarju Parlamentari Dr. Chris Said fl-Ufficcju tal-Kunsill tal-Belt Victoria dwar assenjar mal-Kunsill ta' haddiema ma' l-IPSL, u affarijiet ohra lijinteressaw lil Kunsill.

Is-Sindku nforma wkoll lil Kunsill li gie migbud xhud mid-Dipartiment ta' l-Artijiet u ta' xhieda tieghu fil-kawza li fetah s-Sur Anthony Cassar dwar l-izgumbrar tal-fond Nru. 189 u 190 fi Triq il-Ghajn fejn hu propost li jinbena l-Ufficcju tal-Kunsill. Dan sar fit-22 ta' April 2009. Huwa ipprezenta diversi dokumenti dwar dan il-kaz fil-Qorti.

Gie wkoll iffirmat il-kuntratt ma Savio Debrincat dwar il-gbir ta' l-iskart separat kull nhar ta' Tlieta ghal hlas ta' 100 Euro kull gabra ghall-ewwel 13 il-gimgha. Wara dawn il-13 il-gimgha l-hlas l-iehor ser isir skond il-formola li ghaddhielna d-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali. Gew iffirmati wkoll kuntratti li jiggeddu kull xahar ghal gbir ta' l-iskart domestiku sakemm johrog il-kuntratt il-gdid.

Il-Kummissjoni Elettorali nfurmat lil Kunsill li l-elezzjoni ghal Membri tal-Parlament Ewropew ser jsir fl-ewwel fazi tac-Centru Civiku. Is-Sindku wkoll attenda laqgha li saret fil-Kunsill tal-Munxar dwar it-tindif ta' Wied ix-Xlendi mal-Perit John Saliba. Dan sar biex issir applikazzjoni flimkien mal-Kunsill tal-Munxar mill-fondi tar-Rural Development Fund.

Is-Sindku attenda wkoll laqgha li saret ghal membri u mpjegati tal-Kunsill Lokali Ghawdxin fil-Kunsill tal-Belt Victoria mas-Segretarju Parlamentari Dr. Chris Said dwar ir-riforma tal-Kunsilli Lokali. Saret wkoll zjara fis-Sala tal-Komunita' mill-Kummissarju Elettorali s-Sur Mario Callus u raprezentanti tal-partiti politici

Wara li l-Kunsill talab l-ghajnuna ta' l-Malta Tourism Authority saret zjara mis-Sindku u r-raprezentant tal-MTA f'Ghawdex fejn hu propost li jsir xoghol mill-Kunsill f'tarf Triq Ghajn Tuta u r-restawr ta' l-Ghajn ta'Bendu.

Saret ukoll zjara fi Triq l-Isptar San Giljan ma' l-Engineer Mario Galea u s-Sindku fejn il-Kunsill qed jipproponi li ssir sistema gdida tad-dawl b'fanali dekorattivi.

Saret ukoll l-applikazzjoni lil MEPA biex tinbena replika ta' l-Ghajn tal-Logog fi Pjazza l-Ghejjun u hareg il-permess biex isir ir-restawr ta' l-Ghajn ta' Bendu.

Il-Vici Sindku attenda ghal laqgha tas-Sindki u l-Vici Sindki li saret mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali f'The Palace f'Tas-Sliema.

Fuq talba tas-Sindku saret zjara ma' l-Engineer Vella ta' l-EneMalta fejn qed isir xoghol ta' trenching biex issir it-tiswija mehtiega Triq l-Isptar San Giljan u Triq is-Sajjieda. Fi Triq is-Sajjieda peress li din taqa' taht ir-responsabilita tal-Kunsill, u ghadha fi stat tajjeb hafna gie mitlub li t-tiswija issir wisa' ta zewg metri u nofs bil-paver. Is-Sindku nforma lil Kunsill li kellu jitlob l-intervent tas-Sur Joe Chircop mill-A.D.T. f'Malta biex saret it-tiswija bit-tarmac fit-trinka li saret fi Triq il-Ghajn mill-kuntrattur tal-EneMalta, dan ghar-raguni li meta tlesta x-xoghol tat-tqeghid tal-Cable thalliet ghal granet shah minghajr ma nksiet mill-gdid, bil-konsegwenza ta hafna trab peress li fil-wicc intefa' r-ramel. Wara li intervjena s-Sur Chircop x-xoghol twettaq l-ghada.

Wara li kien ghamel il-Kunsill lill kumitat kongunt dwar l-infurzar lokali, ntbghatu zewg pagamenti ta' 582.34 Euro wiehed qabel ghalqet is-sena finanzjarja fl-ahhar ta' Marzu u iehor f'April. Dan kien bhala garanzija li saret bejn il-Kunsilli Lokali.
Sar twahhil ta' xitel tas-sardinell u petunia f'diversi shawi fosthom fil-Belvedere, wara l-Knisja u f'postijiet ohra.
Saru diversi xoghlijiet ta' manutenzjoni mill-haddiema tal-Kunsill u tindif u qtugh ta' haxix.

Is-Sindku nforma lil Kunsill li s-Sur Paul Curmi nfurmah li ma ghadhux interessat li jghin fl-applikazzjonijiet ghall fondi ta' l-Unjoni Ewropea minhabba nuqqas ta' hin.

Fil-fatt bhalissa qeghdin fl-ahhar preparamenti biex napplikaw mill-Mizura 313 ghall tkomplija tal-passagg bi stil rustiku fi Trieq Wied Siekel, il-progett ta' Trejqet Wara l-Idjar (tarf Triq Ghajn Tuta), u flimkien mal-Kunsill tal-Munxar ghat-tindif u r-riabilitazzjoni tal-Wied tax-Xlendi. Dan qed isir bl-ghajnuna tal-MEUSAC. Il-Kunsill qabel li ghandha tigi iffirmata id-"Declaration Form" li hija parti mill-applikazzjoni ghall-fondi ta' l-Ewropa skond Mizura 313, kif ukoll il-Memorandum of Understanding mal-MEUSAC.

Is-Sindku ippropona lil Kunsill li bhas-snin l-imghoddija ssir harga ta' jum ghall Sqallija. L-Kunsill qabel li ssir l-Hamis, 9 ta' Lulju. Ghandna nzuru Noto, Vittoria u Raguza. L-applikazzjonijiet jghalqu il-Gimgha 12 ta' Gunju 2009.

Is-Sindku nforma wkoll lil Kunsill li Mons. Lorenzo Xerri, ex-Kappillan tal-Fontana stieden lil Kunsill ghal quddiesa ta' radd il-hajr li ser jaghmel fil-parrocca nhar il-Hadd 31 ta' Mejju 2009 fl-10.30a.m. Huwa talab lil Kunsill biex jekk hu possibbli juza' s-sala tal-Komunita' ghar-riceviment li jsir wara. Mons. Ruzar Borg wkoll kien talab li jaghmel uzu mis-sala fl-okkazjoni wkoll tal-50 sena mill-ordinazzjoni sacerdotali tieghu li ser issir fid-9 ta' Gunju 2009 wara l-quddiesa ta' ringrazzjament. Il-Kunsill qabel li joffri lil dawn iz-zewg benefatturi tal-parrocca s-sala minghajr hlas bhala rikonoxximent tal-hidma li wettqu.
Il-harga ghar-residenti f'Ghawdex ssir il-gimgha d-diehla. Ser issir quddiesa fl-okkazjoni tal-festa ta' Sant'Antnin f'Ghajnsielem, kafe u snack ghand Xerri l-Bukkett fil-Qala u l-Ghar ta' Ninu fix-Xaghra.
Fl-okkazjoni tan-Notte Gozitana l-Kunsill qabel li jiftah x-xelter ta' Pjazza l-Ghejjun.
Gie approvat ukoll li jinxtara "safety shoes" lil haddiem tal-IPSL, Joseph Haber.
Il-Kunsill qabel ukoll li jhallas 100 Ewro lil Kumitat tal-progett Leader, kif ukoll li tinxtara zebgha ghas-sinjali tat-toroq.

Il-laqgha ntemmet fis-6.45 ta` wara nofsinhar.

Josephine Borg
Agent Segretarju Ezekuttiv

Saviour Borg
Sindku